Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 16**

**Data:** L-Erbgħa, 19 t' April 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Attenda Online**
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru

**Skużat**
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**16.1 Ittri ta' apoloġiji**

16.1.1 Il-President semma li -Sur Clifford Galea, is-Sur Stephen Sultana u Chev. Paul Farrugia talbu li jkunu skużati minħabba impenji reltati ma' xogħol jew ma' safar. Filwaqt li semma li s-Sur Sandro Azzopardi minħabba xogħol ieħor talab li jidħol għall-laqgħa b' mod virtwali.

16.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

**16.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 15**

16.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

16.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**16.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 16**

16.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Max Zammit u s-Sur Steven Axisa, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Marzu 2023 u td-19 t' April 2023 li kienet tammonta għall-€82,351.53.

**16.4 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **16.4.1 ECAD** | Il-President semma li l-preparamenti kienu għaddejjin tajjeb. Semma li minħabba sponsorship li l-AKL irnexxilha iġġib mill-MTA għall-istess konferenza kien deċiż li l-konferenza u anki l-ikla tkun mingħajr ħlas. Semma li għall-konferenza kien hemm madwar 100 reġistrant. |
| **16.4.2 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li l-AKL kienet reġgħet talbet li jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet sabiex ikun konkluż il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali. |
| **16.4.3 Bus Shelters** | Il-President semma li jidher li wara snin ta' diskussjoni hemm rieda bejn il-partijiet sabiex jintlaħaq kompromess. Semma li l-avukati kemm tal-kumpanija FACES kif ukoll dawk li qed jirrappreżentaw lil TM sabiex jikkonkludu. Il-President semma li |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

fi ladarba jkun hemm deċiżjoni din tiġi kkomunikata mal-Kunsilli Lokali.

**16.4.4 Foundation for Social Wellbeing Project**

Il-President semma li l-ittra formali lill-Fondazzjoni kienet intbgħatet sabiex ikunu infurmati li l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed iġġedded l-ftehim li hemm ma' l-istess Fondazzjoni. Semma li l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed toħroġ fondi addizzjonali sabiex tonora dan il-ftehim għal tul aktar ta' żmien.

**16.4.5 Taħriġ**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq dokument ta' taħriġ intensiv u kontinwu sabiex tkun tista' tipprovi taħriġ strutturat kemm lill-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema. Il-President semma li dan it-taħriġ qed jiġi anki ikkonsultat mal-UĦM sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu abbord ta' dan il-proġett. .

**16.4.6 Konsultazzjoni – Bus Lanes**

Il-President semma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll fil-preżenza ta' Chev Paul Farrugia, is-Sur Anthony Chircop u s-Sur Sandro Azzoaprdi kienu attendew għal-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Onor. Dr. Aaron Farrugia fuq l-introduzzjoni ta' aktar Bus Lanes.

**16.4.7 Covenant of Mayors**

Il-President semma li l-konferenza ta' CEMR kienet waħda li qanqlet debattitu. Semma wkoll li kien diskuss u anki spjegat l-NCEP. Semma li minkejja huwa jirringrazzja lill-Kelliema u anki lill-Uffiċjali Pubbliċi li attendew, kien ikun utli kieku kulħadd baqa' hemm sal-aħħar tad-diskussjoniperess li kien hemm kummenti u anki mistoqsijiet indirizzati għalihom. Semma li parti mill-ispiża ser tkun ffinanzjata mis-CEMR.

**16.4.8 Laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti huwa iltaqa' mad-Direttur Ġenerali u d-Diretturi sabiex jiġu indirizzati diversi punti fosthom; assigurazzjoni ta' finanzjament aħjar għall-Kunsilli Reġjonali, tkun irrevokata d-deċiżjoni li ttieħdet li tinaqqas l-allokazzjoni sabiex tirrifletti n-nuqqas ta' uffiċjali maniġerjali li l-kunsill Reġjonali għandu ingaġġati miegħu. Semma li kienu diskussi punti oħra ta' importanza bħalma huwa ż-żieda ta' leave li wieħed ikun intitolat meta jaħdem speċjalment mal-Gvern u huwa Kunsillier.

**16.4.9 Ġemellaġġi**

Il-President semma li bħal donna issa daħlet prassi li d-Diviżjoni tibgħat b' urġenza ġemellaġġi għall-approavzzjoni tal-

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Assoċjazzjoni wara li dawn ikunu diġa ġew iffirmati. Il-President semma li minkejja li dan huwa obbligu legali li ġemellaġġi jagħddu għand l-Assoċjazzjoni sabiex ikunu approvati, isemmi li l-Assoċjazzjoni mhix ser tintuża bħala rubber stamp u għaldaqstant ser ikun qed jesiġi li din il-prassi ma tkuns repetuta.

**16.4.10 Compensation scheme**

Il-President semma li wara li l-Assoċjazzjoni kienet avviċinata minn diversi Kunsilli Lokali sabiex tassisti fuq l-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti – Compensation Scheme, Assoċjazzjoni kienet qed taħdem mal-avukat sabiex joħorġu linji gwida simplifikati sabiex il-Kunsilli jifhmu aħjar din l-iskema.

**16.4.11 Servizz ta' support psikoloġiku lill-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq dan l-unit ta' professjonisti sabiex ikun jista' jiġi implimentat dan il-proġett.

**16.5 Komunikazzjoni mill-President**

**16.5.1 Projects Green**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet għadha qed tistenna li joħorġu r-riżultati.

**16.5.2 Konferenza – Times of Malta**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għall-konferenza organizzata mit-Times of Malta bit-titlu: Exploring the link within ESG and renewable energy.

**16.5.3 Korsijiet IPS**

Il-President semma li s-Segreatrju Eżekuttiv għaddejja b' diversi taħriġ offrut mill-IPS.

**16.5.4 Komunikazzjoni mit-tim mta' RRP**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kiente irċeviet mit-tim ta' RRP sabiex tati rispons fuq miżura li kellha tkun implimentata. Il-President semma li huwa ma qabilx ma' dak li kien miktub peress li minkejja li l-Assoċjazzjoni kient taqbel fil-prinċipju qatt ma kienet ġiet avviċinata mill-Ministeru sabiex tidħol fi ftehim fuq dawn il-miżuri. Għaldaqstant, kien hemm talba mill-Assoċjazzjoni li il-kumment li jirreferi għall-Assoċjazzjoni jitneħħa.

**16.5.5 Parking Document Launch**

Il-President fakkar li nhar 31 ta' Mejju kienet ser issir it-tnedija ta' dan id-dokument.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**16.5.6 Ġabra ta' Puttinu**

Il-President semma li fuq inizjattiva ta' diversi Membri Eletti kienet saret ġabra għall-Puttinu matul il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. Semma li s-somma kienet qabżet l- EUR2,000 u li l-pagamenti kienu għaddew lill-Assoċjazzjoni sabiex toħroġ cekk.

**16.5.7 Tribunali Lokali**

Il-President semma li war ftehim mal-LESA, ir-Reġjuni kienu ser jimxu mal-Ftehim tas-sena 2021 sabiex jitħalsu lura lir-Reġjun spejjeż relatati mat-Tribunali. Semma li ser ikunu qed jibdew diskussjonijiet fuq kif ser ikunu r-rati ta' ħlas għas-snin l-oħra.

**16.5.8 Kwotazzjonijet – Accountant u ġbir ta' skart mill-binja tal-Assoċjazzjoni**

Il-President semma li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet għas-servizz tal-accountant kif ukoll għas-servizz ta' ġbir ta' skart mil-binja tal-Assoċjazzjoni. Il-President semma li kienu intgħażlu l-orħos offerti.

**16.5.9 Konsultazzjoni – Strateġija għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li nhar 26 t' April 2023 kienet ser tinżamm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mal-Membri tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabie xtkun diskussa l-istrateġija għall-Gvern Lokali.

**16.5.10 Attivitajiet organizzati mis-Segretarjat**

Il-President semma li kien ħareġ il-programm ta' attivitajiet b' kommemorazzjoni għat-tletin sena anniversarju tal-Gvern Lokali organizzati mis-Segretarjat.
Il-President fakkar fil-Laqgħa Plenarja li hija skedata għas-16 u 17 ta' Ġunju.
Is-Sur Charles Bonello propona li l-Assoċjazzjoni wkoll ikolla attivitajiet organizzati minnha sabiex jikkommemoraw dan l-Anniversarju.
Is-Sur Max Zammit propona li jinġabru xi kwotazzjonijiet sabiex isiru muniti kommemorattivi.
Kien hemm qbil li ssir attivita' formali fis-sajf sabiex ikun ikkommemorat dan l-anniversarju.

**16.5.11 Membership ALDA**

Il-President propona li għandha titħallas il-membership tal-ALDA għas-sena 2023 li kienet tiswa EUR700. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Steven Axisa, l-Eżekuttiv approva dan il-ħlas.

**16.5.12 Regions Week – Brussels**

Il-President semma li Regions Week ġewwa Brussel ser tkun organizzata bejn 9 u 12 t' Ottubru 2023. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed tittollera Membri Eletti jew Segretarji Eżekuttivi li jitilgħu għal din l-Open Week u ma

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jattendux u ma jippartecipaw fil-workshops li jkunu organizzati. Il-President semma li l-komunikazzjoni ser tintbgħat lir-Reġjuni imbgħad jaraw fuq livell Reġjonali jekk iridux jippartecipaw.

.

**16.5.13 Post Vakant – Senior Executive Officer**

Il-President talab li l-Assoċjazzjoni terġa' toħroġ is-sejħa għall-post vakant ta' Senior Executive Officer. Il-President spjega li l-andament tax-xogħol ġewwa l-Assoċjazzjoni huwa wieħed li jirrikjedi ħdedikazzjoni mit-tim kollu minkejja dan qed jiżdied ukoll ix-xogħol li jrid isir fuq il-livell ta' Segretarju Eżekuttiv u anki attivitajiet li jġibu magħhom ħafna xogħol fil-front office.
Għaldaqstant, fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, il-President talab lis-Segretarju sabiex toħroġ il-post.

**16.5.14 CLGF Membership**

Il-President semma li kienet intbgħatet l-invoice tal-membership CLGF sabiex titħallas. Fuq talba tal-Assoċjazzjoni kienet saret laqgħa online sabiex tingħata aktar spjegazzjoni fuq kif l-Assoċjazzjoni tista' tikkollabora imma anki wkoll tibbenifika minn servizzi offruti CLGF.
Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi kien hemm qbil li titħallas il-membership tas-sena 2023.

**16.5.15 FSWS**

Il-President semma li ftit aktar kmieni matul il-ġurnata kienet saret laqgħa mal-FSWS rigward it-tħaddim ta' koperattivi bi klijenti tal-FSWS sabiex jagħmlu xogħol manuwali fil-Kunsill Lokali.
Il-President semma li d-diskussjonijiet għadhom fi stadju preliminari.

**16.5.16 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali**

Il-President semma li qed isiru laqgħat u kien hemm anki laqgħa li saret fil-preżenza tas-Sur Jesmond Aqulina rigward il-problemi pendenti amministrattivi li għad hemm rigward il-proġett ta' ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali.

**16.5.17 Internal Audit**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet notifikata li kien ser jibda Internal Audit ikkommisjonat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, bħala patrti mill-proċess ta' Awditjar li qed iir mid-Diviżjoni għall-gvern Lokali. Il-President semma li huwa kien infurmat li l-Awditjar ser isir mis-sena 2021 sa Ġunju 2022. Il-President semma li huwa rrimarka mad-Diviżjoni li l-Assoċjazzjoni kienet għalqet ukoll is-sena finanzjarja 2022 u għaldaqstant talab li l-awditjar jara sena sħiħa mhux sa Ġunju.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**16.5.18 Kondominji**

Is-Sur Anthony Chircop semma li jixtieq jiġbedd l-attenzjoni tal-problema kbira li qed ikun hemm fil-kondominji l-kbar speċjalment dawk ġewwa tas-Sliema u San Ġiljan. Il-President propona li ssir laqgħa mal-kollettur flimkien mas-Sindki tal-lokalitajiet affettwati biex dawn isibu triq 'l quddiem.

**16.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2023**

16.6.1 Il-President ressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2023.

16.6.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Charles Bonello, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**16.7 Aġġornament**

16.7.1 Il-Laqgħa aġġornat għat-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.117 li nżammet nhar l- il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**